

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2015 – Argo Development and Manufacturing vs UASI – Clapbanner (Rappreżentazzjoni ta' artikli pubbliċitarji)**

(Kawża T-41/14) <sup>(1)</sup>

*[“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrapreżenta artiklu pubbliċitarju — Disinni Komunitarji preċedenti — Raġunijiet għal invalidità — Novità — Karattru individwali — Utent avżat — Grad ta' libertà tal-awtur — Impressjoni globali differenti — Artikoli 4, 5, 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”]*

(2015/C 089/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Argo Development and Manufacturing Ltd (Ra'anana, l-Iżrael) (rappreżentant: B. Brisset, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment A. Pohlmann, sussegwentement S. Hanne, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Clapbanner Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tat-22 ta' Ottubru 2013 (Każ R 981/2012-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Argo Development and Manufacturing Ltd u Clapbanner Ltd.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Argo Development and Manufacturing Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 28.4.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2015 – Blackrock vs UASI (INVESTING FOR A NEW WORLD)**

(Kawża T-59/14) <sup>(1)</sup>

*[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali INVESTING FOR A NEW WORLD — Trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]*

(2015/C 089/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Blackrock, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Malynicz, barrister, K. Gilbert u M. Blair, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)